**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2015**

**Kawża Nru 67**

**Rik. Nru. 21/14JRM**

Christine **BORDA**

vs

**ID-DIRETTUR (TAXXI INTERNI)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din l-Qorti (i) issib li d-deċiżjonijiet meħudin mid-Direttur imħarrek fl-24 ta' Lulju, 2013 u fl-1 ta' Novembru, 2013 li bihom huwa sab li l-attriċi jmissha tħallas il-boll bir-rata tal-ħamsa fil-mija (5%) fuq is-sehem minnha miksub fl-atti ta' bejgħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti ta' dik li kienet id-dar taż-żwieġ qabel ma

tkun tista' titlob l-iskrizzjoni fir-Reġistru Pubbliku tal-liberazzjoni magħmul favuriha b'riżultat tal-imsemmi bejgħ, jikkostitwixxi egħmil amministrattiv li jmur lil hinn mis-setgħat tal-istess Direttur imħarrek ("*ultra vires*") bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi l-artikolu 32(2) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li ma jmissha titħallas l-ebda taxxa mat-trasferiment ta' ġid immobbli bejn persuni miżżewġin wara l-firda personali tagħhom; u (ii) issib u taqta' li, b'riżultat ta' hekk, il-bejgħ b'liċitazzjoni lilha tas-sehem ta' żewġha mill-imsemmi fond huwa meħlus mill-ħlas ta' kull taxxa kif irid l-artikolu 32(2) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2014, li bih ordnat in-notifika tal-atti lid-Direttur imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-Direttur imħarrek fis-17 ta' Frar, 2014, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li d-deċiżjonijiet attakkati ma humiex "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti ma tistax tistħarriġhom jew tħassarhom taħt dik id-dispożizzjoni; u li, f'kull każ u għall-finijiet tal-artikolu 469A(4), l-attriċi messha fittxet ir-rimedju mogħti lilha mill-artikolu 58 tal-Kapitolu 364 u appellat mid-deċiżjoni tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, minn liema deċiżjoni hija kien ikollha wkoll appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell skond l-artikolu 59 tal-istess Att. Fil-mertu, laqa' billi qal li d-deċiżjonijiet li ħa dwar il-ħlas tal-boll fuq bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond li kien id-dar taż-żwieġ tal-attriċi ttieħdu skond il-liġi. Huwa jisħaq li l-liġi (fit-test ingliż) titkellem dwar "*assignment*" ta' ġid immobbli "*consequent to*" firda personali (konsenswali jew b'sentenza tal-Qorti) jew ta' xoljiment taż-żwieġ b'divorzju jew b'sejbien tan-nullita' taż-żwieġ, u l-bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorita' tal-Qorti ma jitqiesx "*assignment*" f'għajnejn il-liġi. Iżid jgħid li fil-kuntratt tal-firda personali konsenswali tagħha, l-attriċi u żewġha kienu qablu li d-dar taż-żwieġ titqiegħed għall-bejgħ u tinżamm apparti mill-bqija tal-ġid tal-komunjoni li qasmu bejniethom, u għaldaqstant meta hija kisbet is-sehem ta' żewġha mid-dar taż-żwieġ bis-saħħa tal-irkant ġudizzjarju, l-attriċi ma kenitx qiegħda tikseb dak is-sehem b'assenjazzjoni imma b'xiri, u għalhekk kellu raġun jgħid li fuq dak is-sehem l-attriċi kellha tħallas il-boll. Għalhekk, huwa bl-ebda mod ma kiser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili għax mexa mal-liġi. Temm jgħid li t-tieni talba wkoll ma tistax tintlaqa' għaliex il-Qorti ma tistax tieħu deċiżjoni minfloku imma tista' l-aktar tordnalu jerġa' jirrevedi d-deċiżjoni li jkun ħa, f'każ li l-Qorti tħassarha;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Marzu, 2014[1], li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, kellha tistħarreġ u tiddeċiedi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur imħarrek u tatu żmien biex iressaq xhieda bil-meżż tal-affidavit dwar l-istess eċċezzjonijiet;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Mejju, 2014[2] li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet miktuba tagħhom dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur imħarrek fl-20 ta' Ġunju, 2014[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-18 ta' Lulju, 2014[4], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi qiegħda tikkontesta żewġ deċiżjonijiet meħuda mid-Direttur imħarrek li bihom tenna li l-attriċi riedet tħallas it-taxxa tal-boll fuq trasferiment li sar favur tagħha ta' sehem minn post li hija kisbet f'bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorita' tal-Qorti. L-attriċi tikkontesta dik id-deċiżjoni għaliex tgħid li ladarba s-sehem li hija kisbet kien jirreferi għal dik li kienet id-dar taż-żwieġ tagħha u li dak is-sehem kien qabel jappartjeni lil żewġha, ma għandu jitħallas l-ebda boll għall-finijiet tal-artikolu 32(3) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta[5];

[1] Paġ. 236 tal-proċess
[2] Paġ. 253 tal-proċess
[3] Paġġ. 254 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 261 – 271tal-proċess
[5] L-Att XVII tal-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti

Illi għal din l-azzjoni, id-Direttur imħarrek laqa' b'eċċezzjonijiet kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Fost tal-ewwel, l-imħarrek laqa' billi qal li d-deċiżjoni attakkata mill-attriċi ma hijiex "egħmil amministrattiv" kif mifhum mil-liġi u għalhekk l-azzjoni tagħha għal stħarriġ ġudizzjarju ma tgħoddx għall-każ. Laqa' wkoll billi qal li l-attriċi kellha rimedju tajjeb mogħti lilha mil-liġi minflok l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju, u għalhekk imissha nqdiet bih. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur imħarrek;

Illi, fil-qosor, il-<u>fatti rilevanti</u> li jirrigwardaw il-każ juru li l-attriċi kienet miżżewġa lil wieħed Joseph Borda. Qabel ma kienu żżewġu, xtraw bejniethom dar fi Triq l-Arzella, f'Wied il-Għajn li kellhom il-ħsieb li jgħixu fiha bħala d-dar taż-żwieġ tagħhom, kif fil-fatt għamlu;

Illi ż-żwieġ ma rnexxiex u l-attriċi u żewġha nfirdu f'Lulju tal-2009[6] bis-saħħa ta' kuntratt ta' firda personali li fih, fost l-oħrajn, qablu li d-dar taż-żwieġ ma tinqasamx bejniethom, imma titqiegħed għall-bejgħ bla ma tkun assenjata lil xiħadd minnhom sa ma jsir dan, u hekk kif xiħadd minnhom isib bejgħ bi prezz ta' mhux anqas minn tliet mija u ħamest elf euro (€ 305,000), il-parti l-oħra kienet marbuta tersaq għall-bejgħ favur tali terza persuna;

Illi fl-2011, l-attriċi fetħet kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) kontra żewġha biex tikseb il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-imsemmija dar, liema talba ntlaqgħet b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju, 2012[7], u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra. Meta s-sentenza saret ġudikat, l-attriċi talbet il-bejgħ b'liċitazzjoni[8] tad-dar u f'irkant li nżamm fl-4 ta' Ottubru tal-istess sena[9], ikkonkorriet u kisbet is-sehem ta' nofs mhux maqsum li kien jappartieni lil żewġha billi l-prezz kollu offert għad-dar liċitata kien ta' mitejn u ħamsa u ħamsin elf euro (€ 255,000), li kien jinkludi s-somma ta' għaxart elef euro (€ 10,000) għall-mobbli li kien hemm fih. Wara li l-post kien liberat favuriha, l-attriċi iddepożitat is-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt euro (€ 127,500) bħala l-valur ta' nofs il-post liċitat b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi l-attriċi riedet tinsinwa t-trasferiment fir-Reġistru Pubbliku, imma d-Deputat Reġistratur għarrafha li dan seta' jsir biss wara li hi tkun ħallset

6 Dok "CB1", f'paġġ. 8 sa 15 tal-proċess
7 Dok "CB2", f'paġġ. 16 sa 25 tal-proċess
8 Subb. Nru. 78/12
9 Dok "CB3", f'paġ. 26 tal-proċess

il-boll bir-rata tal-ħamsa fil-mija (5%) fuq il-prezz imħallas biex kisbet in-nofs mhux maqsum tal-imsemmi post;

Illi l-attriċi ma qablitx li kellha tħallas xi boll ladarba hija kienet kisbet sehem minn ġid li kien id-dar taż-żwieġ u li kien jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti li hi u żewġha kienu irregolaw bejniethom fil-kuntratt tal-firda personali;

Illi minħabba f'hekk, hija talbet lill-Qorti biex tagħti provvediment li l-kisba tas-sehem tal-post kien eżenti mill-ħlas tal-boll għall-finijiet tal-artikolu 32(3) tal-Kap 364, iżda l-Qorti idderiġietha tqajjem il-każ direttament mad-Direttur imħarrek;

Illi fis-17 ta' Ġunju, 2013[10], l-attriċi kitbet lid-Direttur biex jikkonfermalha li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-kisba minnha tas-sehem mhux maqsum tal-post ma kellux ikun suġġett għall-ħlas tal-boll. Id-Direttur imħarrek weġibha fl-24 ta' Lulju, 2013[11], billi qalilha li ladarba l-kisba kienet ir-riżultat ta' bejgħ b'liċitazzjoni ordnat minn qorti, hija kellha tħallas il-boll fuq is-sehem li xtrat. L-attriċi baqgħet tinsisti fuq il-pożizzjoni tagħha, iżda b'ittra mibgħuta lilha fl-1 ta' Novembru, 2013[12], id-Direttur imħarrek tenna d-deċiżjoni ta' qabel;

Illi fid-19 ta' Diċembru, 2013[13], l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali kontra d-Direttur imħarrek biex twissih li d-deċiżjoni tiegħu kienet tikser il-liġi u talbitu jirtiraha. Billi l-imħarrek baqa' ma bidilx il-fehma tiegħu, l-attriċi fetħet din il-kawża fit-13 ta' Jannar, 2014;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin maż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li l-Qorti għandha quddiemha jitolbu li l-ewwel nett hija tistħarreġ jekk kemm-il darba dak li kontra tiegħu tilminta l-attriċi huwiex tassew "egħmil amministrattiv", u dan ladarba l-attriċi espressament issejjes l-azzjoni tagħha fuq l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk il-Qorti ssib li d-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek taqa' fit-tifsira ta' dik il-frażi kif toħroġ mil-liġi, imbagħad tgħaddi biex tistħarreġ it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni preliminari</u> d-Direttur imħarrek jgħid li hu ma ta l-ebda deċiżjoni, imma wieġeb biss lill-attriċi biex jagħti l-fehma tiegħu dwar x'kienet tgħid il-liġi u għaliex, skond dik il-fehma, ma kienx jaqbel mal-attriċi li ma tħallasx il-boll fuq is-sehem mill-

[10] Dok "CB4", f'paġġ. 27 tal-proċess
[11] Dok "CB5", f'paġ. 28 tal-proċess
[12] Dok "CB6", f'paġ. 30 tal-proċess
[13] Dok "CB7", f'paġġ. 33 – 4 tal-proċess

immobbli li hija kisbet fil-liċitazzjoni. Iżid jgħid li l-problema li sabet l-attriċi kienet maħluqa mit-talba magħmula mir-Reġistratur tal-Qorti li jmexxi t-taqsima tas-Subbasti, u d-Direttur imħarrek ma jweġibx għal deċiżjonijiet meħuda minn dik it-taqsima;

Illi min-naħa tagħha, l-attriċi twieġeb li dak li bagħat jgħidilha d-Direttur imħarrek (permezz tal-avukati tagħha) fiż-żewġ komunikazzjonijiet elettroniċi bi tweġiba għall-ittra tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2013, ma kienu xejn anqas minn deċiżjonijiet u li b'riħet dawk id-deċiżjonijiet hija ma tistax tmexxi 'l quddiem il-kisba tal-insinwa relattiva fir-Reġistru Pubbliku. Hija tgħid li d-deċiżjonijiet tad-Direttur imħarrek huma 'rifjut għal talba' li hija għamlitlu b'mod speċifiku biex jgħidilha li ma kien hemm l-ebda obbligu li tħallas boll taħt liġi partikolari. Fiż-żewġ okkażjonijiet, id-Direttur imħarrek iddeċieda kontra dak li kienet talbitu fl-ittra tagħha. Saħansitra minn xi kliem li d-Direttur uża fit-tweġibiet li bagħtilha, ħareġ ċar li l-fehma tiegħu kienet il-frott ta' deċiżjoni, kif wara kollox huwa nnifsu jsejħilhom fit-Tweġiba Maħlufa tiegħu. Iżżid tgħid li hija ma kellha bżonn l-ebda parir mingħand id-Direttur imħarrek, għaliex il-parir ħaditu mingħand l-avukati tagħha: mingħandu hija riedet deċiżjoni ħalli biha tkun tista' tegħleb l-intopp li sabet fir-reġistru tal-Qorti biex jitmexxa l-proċess għar-reġistrazzjoni tal-kisba tas-sehem minnha tal-post subbastat;

Illi l-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti tifsira ta' x'inhu l-'egħmil amministrattiv' li din il-Qorti tista' titsħarreġ f'kawża taħt din il-proċedura speċjali. Il-liġi tfisser l-imsemmi 'egħmil' bħala "*l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'. .. .*". Jekk kemm-il darba għemil ma jkunx jaqa' taħt din it-tifsira, l-Qorti ma tistax tistħarrġu taħt dak l-artikolu f'azzjoni bħal din;

Illi huwa stabilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. L-għemil jista' jkun kemm fis-sura ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew

ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[14];

Illi f'wieħed mill-argumenti tiegħu biex isaħħaħ l-eċċezzjoni tiegħu, id-Direttur imħarrek jirreferi sewwasew għas-sentenza msemmija fin-nota marġinali marbuta mal-paragrafu ta' qabel dan. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali tal-kawża kif imfissra qabel, din il-Qorti ma taċċettax li l-kitba tal-imħarrek f'dan il-każ kienet biss parir. Għall-kuntrarju, hija tqis li kienet deċiżjoni fit-tifsira sħiħa tal-kelma. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, dawk iż-żewġ ittri tennew pożizzjoni li temmet il-kwestjoni bejn l-attriċi u l-imħarrek: kienu jgħidu li hu kien ifisser u jħaddem il-liġi b'dak il-mod partikolari u l-attriċi ma setgħetx tistenna xi ħaġa oħra mingħandu. Fit-tieni lok, kienet deċiżjoni li tmur kontra t-talba tagħha. Fit-tielet lok, u b'differenza ma' dak li kien jgħodd għall-każ tas-sentenza ċitata, id-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek kienet torbot ukoll lir-Reġistratur tal-Qorti, li minħabba fiha, seta' jibqa' jinsisti li ma jmexxix 'il quddiem id-dokumentazzjoni biex issir l-iskrizzjoni tal-liberazzjoni tal-immobbli fil-liċitazzjoni, qabel ma l-attriċi tħallas il-boll. Fir-raba' lok, dik id-deċiżjoni wasslet lill-attriċi biex ma kellhiex triq oħra għajr li tfittex rimedju f'qorti biex tħoll il-kwestjoni, aktar u aktar ladarba l-protest ġudizzjarju tagħha waqa' fuq widnejn torox. Fil-ħames lok, l-attriċi mhijiex tattakka l-liġi li fuqha l-imħarrek sejjes id-deċiżjoni tiegħu, iżda trid tattakka d-deċiżjoni nnifisha bħala waħda li ma tħarisx dak li trid il-liġi: li kieku kien mod ieħor, l-azzjoni attriċi kienet taqa' għaliex liġi mhijiex 'egħmil amministrattiv'[15]. Fis-sitt lok, għalkemm jista' jkun minnu li l-intopp li l-attriċi sabet joħroġ mill-insistenza tar-Reġistratur tal-Qorti li hija tħallas il-boll qabel ma jkun jista' jmexxilha l-atti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku, dik l-insistenza tiddependi għal kollox fuq it-tifsira li l-imħarrek qiegħed jagħti għall-artikolu 32(3) tal-Kap 364;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, u filwaqt li tilqa' l-argumenti mressqa mill-attriċi, issib li d-deċiżjonijiet meħuda mill-imħarrek kienu jikkostitwixxu 'egħmil amministrattiv' u għalhekk sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tistrieħ fuq l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li "*d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra*";

---

[14] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***
[15] App. Ċiv. **8.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et***

Illi ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[16];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[17]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għemil amministrativ li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[18];

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li l-attriċi kellha rimedju tajjeb u effettiv taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi l-oħra u jekk naqsitx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-imħarrek jgħid li ladarba l-attriċi ma qablitx mad-deċiżjoni tiegħu li jkollha tħallas il-boll fuq il-kisba ta' sehem żewġha mill-immobbli liċitat, allura trid tagħmel bħal ħaddieħor u la ma ftehmitx mad-Direttur dwar it-taxxa li għandha titħallas, imissha appellat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skond l-artikolu 58 tal-Att tal-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364), li mid-deċiżjoni tiegħu hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell taħt l-artikolu 59 tal-istess Att;

Illi l-imħarrek jgħid li fil-każ tal-attriċi, hekk kif hija saret taf li biex il-liberazzjoni tal-immobbli seta' jkun reġistrat riedet tħallas il-boll bir-rata

---

16 App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

17 P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

18 P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

mgħarrfa lilha, seħħet 'likwidazzjoni' tat-taxxa dovuta skond il-liġi. Hekk kif ġara dan, l-attriċi kellha r-rimedju li tikkontesta dik il-likwidazzjoni taħt l-artikolu 58 tal-Kap 364 (jiġifieri dik l-istess liġi li taħta hija tgħid li ma jmisshiex titħallas taxxa fuq assenjazzjonijiet ta' ġid immobbli bejn miżżewġin f'każ ta' firda personali). Biex isaħħaħ dan ir-raġunament tiegħu, l-imħarrek jirreferi wkoll għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell[19]. Iżid jgħid li, jekk l-attriċi qiegħda tikkontesta jekk tabilħaqq imisshiex titħallas taxxa f'każijiet bħal tagħha, kellha tirrikorri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex tikseb ir-rimedju tagħha u mhux quddiem din il-Qorti. Fl-aħħarnett, l-imħarrek jgħid li ladarba l-artikolu 62 tal-Kapitolu 364 jipprovdi għall-każ fejn persuna tista' titlob il-ħlas lura ta' xi taxxa li jidhrilha li tkun ħallset bla mistħoqq, l-attriċi messha għamlet hekk ukoll u tmexxi 'l quddiem talba biex il-ħlas minnha mwettaq jintradd lura;

Illi l-attriċi tirribatti dawn l-argumenti billi tgħid li ma huwa minnu xejn li l-imħarrek kien wettaq xi likwidazzjoni u anqas u anqas jista' jingħad li kien bagħtilha jew innotifikaha b'xi avviż biex tħallas xi taxxa. Kulma kienet għamlet kien biss li titolbu jaċċetta li fil-każ tagħha ma kellha titħallas l-ebda taxxa tal-boll. Għalhekk, hija tqis li r-rimedju prospettat mill-imħarrek ma kienx jgħodd għall-każ tagħha. Hija twarrab għal kollox l-argument tal-imħarrek li messha l-ewwel ħallset il-boll, imqar taħt protesta, u mbagħad tikkontesta l-ħlas kif tagħtiha li tagħmel il-liġi;

Illi skond il-liġi, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu s-setgħa li "*jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop ta' l-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-seħħ dan l-Att*"[20] u bil-għan dikjarat li jkollu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrativi[21];

Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika. Id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-Qorti ma jestendux irwieħhom għat-Tribunal[22]. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa jwettqu setgħat li jixxiebhu[23]. Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-

---

[19] App. Inf. PS **9.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Borġ et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[20] Art. 5(1) tal-Kap 490
[21] Art. 5(2) tal-Kap 490
[22] T.Ġ.A. VG **13.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Spiteri pro et noe vs Transport Malta***
[23] Ara art. 20(1) tal-Kap 490

awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostitutiv tiegħu espressament jagħnih bihom, u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għemil ta' awtoritjiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, il-Qorti tqis li lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba. Għalkemm jista' jkun minnu li kien hemm xi likwidazzjoni tat-taxxa dovuta, ma jistax jingħad li kien sar xi avviż min-naħa tal-imħarrek, u l-korrispondenza elettronika mibgħuta minnu lill-avukat tal-attriċi ma jissarrafx, fil-fehma tal-Qorti, f'avviż ta' likwidazzjoni li minnu u bih seta' jiskatta ż-żmien u l-proċedura tal-kontestazzjoni li jsemmi l-artikolu 56 tal-Att. Dan jgħodd ukoll għall-każ fejn l-imħarrek isemmi r-rimedju taħt l-artikolu 62, ladarba l-attriċi baqgħet sallum ma ħallsetx il-boll. Fit-tieni lok, il-Qorti ma taqbilx li l-kwestjoni mqajma mill-attriċi hija waħda li taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u l-liġi li twaqqaf lill-istess Tribunal innifisha tgħid dan[24];

Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' din l-eċċezzjoni għaliex ma ntwerilhiex li l-attriċi kellha tabilħaqq xi rimedju taħt xi liġi oħra li messha ħadet u ma nqdietx bih;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tad-Direttur imħarrek għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni fil-mertu;

**L-ispejjeż** marbutin ma' din is-sentenza jitħallew għas-sentenza aħħarija.

**Moqrija**

[24] Ara art. 7 tal-Kap 490

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Novembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**26 ta' Novembru, 2015**